MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 70/2009

Bank of Valletta plc

-vs-

Franklin Camilleri

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-23 ta' Settembru 2009 li permezz tieghu l-bank ippremetta li:

1. Kien ta diversi somom ta' flus b'self lill-konvenut. Dan is-self sar wara kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Silvio Hili tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001);

2. Wara dak il-kuntratt, infethu zewg kontijiet ta' self bin-numri 40014904246 u 40010868409.

3. Il-bilanci f'dawn il-kontijiet sad-data ta' l-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009), bl-imghax semplici nkluzi jammontaw ghal hamest elef mija u sebgha u sebghin euro u tmienja u tletin centezmu (€5,177.38) u tletin elf, disa' mija u disgha u tmenin euro u disgha u tmenin centezmu (€30,989.89) rispettivament ghal total ta' sitta u tletin elf mija u sebgha u sittin euro u sebgha u ghxorin centezmu (€36,167.27).

4. Minkejja diversi weghdi ta' pagament il-konvenut dejjem baqa' inadempjenti.

5. Il-bank attur jidhirlu li dan id-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu kontra din it-talba u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artiklu 167 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap Tnax tal-Ligijeit ta' Malta);

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh, ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap Tnax tal-Ligijiet ta' Malta), stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjonijiet x'jaghti kontra din it-talba.

2. Tiddikjara illi l-konvenut jinsab debitur fil-konfront tal-bank attur fis-somma ta' sitta u tletin elf mija u sebgha u sittin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€36,167.27) flimkien ma' interessi ulterjuri mill-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) sad-data tal-pagament effettiv.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma ta' sitta u tletin elf, mija u sebgha u sittin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€36,167.27) flimkien ma' l-interessi ulterjuri kollha fuq rata kummecjali sad-data tal-pagament effettiv, b'effett immedjat.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Gunju elfejn u disgha (2009) kif ukoll tal-mandati ta’ qbid kawtelatorju u ta’ sekwestru kawtelatorju prezentati kontestwalment ma’ dan ir-rikors guramentat.

Rat li l-konvenut gie notifikat bl-atti.

Rat in-nota ta’ ammissjoni prezentata fis-seduta tal-lum.

**Ghal dawn ir-ragunijiet tilqa’ t-talbiet kollha tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sitta u tletin elf mija u sebgha u sittin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€36,167.27), bl-imghax u spejjez kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------